# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 27 ta' Ġunju 2024**

**Appell Nru.: 52/2023/1**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Charles Borg**
**(KI330478M)**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-17 ta' Jannar 2023 kontra Charles Borg, KI 330478M li ġie mixli li rrenda ruħu ħati talli

> matul is-snin 2009 u 2010 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
>
> a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid,l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija jew xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin ukoll jew minn haddiehor, minghajr ilkunsens tas-sid; jew
> b. ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew
> c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq;

u cioe' diversi prodotti tal-marka Gilette;

2. u aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil -ligi ta' Malta jew tahtha;

3. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li 1-ippakkettjar taghhom kellu fuqu sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma'trademark registrata;

4. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, kellu filpussess, kustodja jew kontroll tieghu fil-kors ta' xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li hu jew persuna ohra jaghmel xi haga li tkun reat taht il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 72 tal-Kapitolu 416 l-Att dwar it-Trademarks, Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi ilpieni stabbiliti mil-Ligi tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta'spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wara li rat l-atti u semgħet il-provi prodotti iddeċidiet li ssib lill-imputat appellat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u illiberatu minn kull ħtija u piena, u dan għar-raġunijiet segwenti:

Minn ezami tal-provi prodotti fdan il-kaz jirrizulta minghajr ebda dubju li d-drittijiet li s-socjeta' kwerelanti tirritjeni li gew lezi huma dawk konnessi ma' trademarks u mhux ma copyright. Dan jidher mill-fatt anki mill-istess dokumentazzjoni esebieti kollha jaghmlu referenza ghad-dritt tad-trademark ghal min tappartjeni u anki minn dak li hareg mill-istess xhieda tal-Avv Dr Luigi Sansone (ara xhieda a fol 108 et seq tal-atti processwali). Illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta li seta' kien hemm xi ksur tad-drittijiet tal-awtur. Illi anki kif ilium gie sostitwiet l-artikolu 298B jaghmel enfazi cara fuq il-ksur

tad-drittijiet tal-awtur u ghalhekk fdak li hemm fl-akkuzi numru 2 u 3 ma jirrizultawx li kien hemm xi ksur tad-drittijiet tal-awtur mill-provi mressqa.

Jibqa' ghalhekk li jigu kkunsidrati l-imputazzjonijiet rigwardanti r-reat ta' trademark infringement kontemplat fl-Artikolu 72 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta u r-reat ta' qerq fil-kummerc kontemplat fl-Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali.

Fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 72 fil-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta r-rekwiziti sabiex jissussisti dan ir-reat huma li wiehed ikun propjetarju ta' markju registrat u li persuna ohra b'intenzjoni li tigwadanja ghaliha nnifisha jew ghal terzi jew altrimenti li tikkawza hsara, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju tapplika jew tuza markju jew sinjal distintiv li jkun identiku jew jixxiebah ma' markju registrat. Illi ghandu jigi rimarkat li l-Att dwar it-Trademarks li kien taht il-Kapitolu 416 gie mnehhi u minflokku gew migbura taht il-Kapitolu 597 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk biex jissusisti dan ir-reat, l-istess kap ta' akkuzi li gie mixli bihom l-imputat jridu wkoll ikunu l-istess bhal dak li kien hemm fil-Kap 416 u dan ghaliex ladarba jekk l-akkuzi m'ghadhomx allura ma jistax jirrispondi ghal xi haga li ma jkunx aktar ikkunsidrat bhala reat. Illi pero' l-Legislatur meta introducca l-Kapitolu 597 ha hsieb li jdahhal reati taht l-artikolu 108 tal-Kapitolu 597 tal-Ligijiet ta' Malta li huma ghal kollox simili ghal dak li kien hemm qabel.

Illi fdan il-kaz ir-reat ikkontemplat flok dak li kien hemm fil-Kapitolu 416, illum jidher li huwa taht dak li hemm fl-artikolu 108(l)(c) tal-Kapitolu 597 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan is-sub-artikolu jaghmel referenza fuq uzu mhux awtorizzat ta' trademark, ghar-rigward ta' oggetti. Illi fdan il-sub-artikolu jaghmel referenza ghal dak li hemm fis-sub-artikolu 108 (l)(b) ukoll.

Illi dawn iz-zewg sub-artikoli jghidu hekk:

108. (1) Persuna li bil-ghan li tiehu vantagg ghaliha nnifisha jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju –

(b) tbigh jew tikri, toffri jew tesponi ghall-bejgh jew kirijew tqassam oggetti li jkollhom fuqhom, jew li l-imballagg taghhom ikollu fuqu, sinjal bhal dak;

jew

(c) ikollha fil-pussess, kustodja jew kontroll taghha fil-kors ta' kummerc xi oggetti bhal dawk bil-ghan li hi jew persuna ohra taghmel xi haga li tkun reat taht il-paragrafu (b)

Waqt li l-akkuzi li huwa qieghed jigi akkuzat ukoll bihom jaqghu taht dak li hemm fl-istess artikolu 298 tal-Kodici Kriminali fejn min-naha1-ohra jaghmel referenza ghal qerq fil-kummerc u fl-industrija u dan jipprovdi hekk:

“298. (1) Kull min –

(a) jiffalsifika jew ibiddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, ilmarki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrja, jew, xjentement, jaghmel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;
(c) jaghmel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema lijkun fihom indikazzjoni li tista'tqarraq lix-xerrej dwarix-xorta talmerkanzija, jew ibiegh merkanzija, b' din il-marka, sinjal jew emblema;
(f) xjentement iqieghed fic-cirkolazzjoni, ibiegh jew izomm ghandu ghall-bejgh jew jimporta ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b' qerq;

jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena.

Illi ma' dan l-artikolu tal-Kapitolu 9 irid ukoll jigi abbinat dak li hemm fl-Artikolu 302 tal-Kodici Kriminali jipprovdi imbaghad hekk:

"Fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 298(l)(f), jitqies li l-akkuzat mexa dolozament, kemm-il darba ma jippruvax –
(a) illi, wara li ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiz-zmien li ghamel id-delitt li fuqu jkun akkuzat, ragun jahseb illi l-markajew sinjal ma kinivc veri; u
(b) illi, meta gie mistoqsi minn membra tal-Pulizija, huwa ta t-taghrif kollu li seta' jaghti dwar il-persuni li minn ghandhom gieb dik ilmerkanzija; u
(c) illi mill-bqija huwa mexa bla hazen."

Ikkunsidrat

Illi mill-imputazzjonijiet l-ohra li hemm kontra l-imputat u mill-provi li ngiebu huwa li hu ma kellu x'jaqsam xejn ma' xi tibdil fil-pakkett jew inkella li kien hu li stampa jew ghamel dawn il-prodotti kontrafatti. Illi pero gie indikat li dawn il-prodotti ngiebu minn barra minn Malta fejn huwa kien xtara minn fuq sit eletroniku maghruf bhala eBay fejn xtara l-prodotti reklamati. Illi ghalhekk hawn si tratta tal-fatt li huwa b'xi mod biegh, qieghed fic-cirkolazzjoni dawn il-prodotti. Illi pero' taht din l-akkuza, hemm referenza partikolari li dak li jkun ghamel l-imputat ikun ghamlu xjentament. Illi ghalhekk apparti l-elementi l-ohra tar-reat irid jigi wkoll pruvat li l-imputat ghamel ghamlu xjentement u ghalhekk trid tingieb din il-prova. Illi jidher pero' li fil-kors tal-investigazzjoni, li l-Pulizija strahu fuq l-istqarrija tal-imputat sabiex jistabilixxu certi fatti. Illi wkoll ghandu jinghad li din l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fi zmien meta persuna arrestata ma tkunx assistita minn avukat waqt il-kors tal-investigazzjoni. Illi kienu hafna s-sentenzi mghotija mill-Qrati taghna fuq dan is-suggett fejn dan wassal ghal ksur tad-dritt tal-persuna minhabba li ma kienx assistiet minn avukat waqt il-kors tal-investigazzjoni. Illi l-Qorti taqbel pefettament ma' dawn id-decizjonijiet u ben konxja ta' dan u ghalhekk thoss li l-istess stqarrija m'ghandhiex isservi bhala prova fil-konfront tal-imputat u ghalhekk ghandha tigi skartata.

Illi pero l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri u semma fatt importanti li huwa kien ghamel kuntatt mal-istess bejjiegh fejn kien xtara minn ghandu

dawn il-blades. Illi kien infurmawh dwar l-akkadut wara li kien gie arrestat mill-Pulizija fuq dan il-kaz u mhux xi zmien qabel. Il-fatt li kiteb lil din Claire sabiex jinfurma xlden intqal fuq il-blades li kien xtara minn ghandha ma tammontax ghal konfessjoni li kien jaf minn qabel li kienu kontrafatti ghaliex dak li ghamel kien wara l-fatt li kien sehh u cioe' wara l-arrest tieghu. Illi ghalhekk zgur din il-Qorti ma tistax tara li kien hemm il-hsieb li huwa jaghmel uzu jew inkella li kien jaf li dawn il-blades kienu kontrafatti.

Illi ghandu wkoll jigi indikat li Dr Martin Bajada fl-analizi li ghamel fuq il-prodotti, ghamel ukoll referenza li huwa kien gab xi prodotti miksubin minn ghand l-istess Procter and Gamble. Illi ghandu jinghad li dawn il-prodotti li sar l-analizi fuqhom qatt ma kienu esebieti fdawn il-proceduri. Illi ma hemm ebda referenza li dawn il-prodotti gew ikkonfermati li kienu l-originali li ghalhekk iwasslu sabiex jkun jista'jintalab sabiex jigu elevati mill-istess Qorti u mqabbla mal-prodotti li gew konfiskati mill-Pulizija. Illi mix-xhieda tal-istess Dr Martin Bajada semma' li huwa kien inghata ordni mill-Qorti sabiex jigbor kampjuni minn ghand l-Agent. Illi pero' jidher mill-verbal li kien sar fis-seduta tat-28 ta'Marzu 2014, li huwa kien inghata l-inkariku sabiex jeżamina l-oggetti esebieti u qatt ma kien hemm xi kampjuni originali li gew esebiti. Illi anki fl-istess rapport tieghu dawn l-oggetti semma b'mod car li kienu gew miksubin minn ghand l-istess Procter and Gamble u mhux li gew mehuda mill-atti ghaliex kienu gew esebiti. Ma hemm ebda dokument li juri li dawn l-oggetti kienu gew esebiti jew inkella li huma originali. Illi ghalhekk hawn il-Qorti taqbel perfettament mad-difiza li dan ir-rapport sar ezami komparatttiv fuq oggett esebit fl-atti ma' ohrajn li ma kienux. Illi ghalhekk dan ir-rapport ghandu jigi injorat.

Wara li ezaminat il-provi fil-kaz odjern din il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa xtara l-prodotti bhala genwini u bieghhom bhala tali u li ma kellu ebda raguni jahseb li dawn setghu ikunu kontrafatti. Dan jinghad ghaliex huwa xtara minghand supplier li huwa kien iqis bhala affidabbli u dan mir-reviews li huwa stess kien ra fuq is-sit elettroniku eBay. Huwa kien hallas dak kollu li kien mitlub lilu u kien biss wara li kienu kellmuh il-Pulizija li ghamel kuntatt ma' l-istess bejjiegh li staqsa li kienu kontrafatti. Illi dik l-email ma ghanda ebda piz li huwa xjentement biegh dawn il-prodotti li kien jaf li kienu kontrafatti.

Huwa minnu li l-prodott kien qed jinbiegh lilu bi prezz ftit anqas minn dak li kien qed ibieghu l-agent lokali izda din hija xi haga komuni u li tigri ta'spiss fin-negozju tal-parallel trading u ma kienx hemm raguni il-ghala huwa ghandu jiddubita mill-genwinita tal-prodott li kien qed jixtri. L-imputat inoltre mall-ewwel indika lill-Pulizija minghand min kien xtara u produca l-informazzjoni. Il-Qorti inoltre setghat tikkonstata li d-differenzi bejn il-prodott originali u dak kontrafatt m'humiex daqshekk evidenti u ovvji u wiehed jinduna bihom biss meta jezamina z-zewg prodotti hdejn xulxin fid-dettall u dan qieghed jinghad ghall-fatt li ghalkemm gie skartat ir-rapport tal-istess espert mahtur, id-differenzi tant m'humiex evidenti li anki jekk kienu kontrafatti, persuna normali ma kienitx se tinduna dwar din id-differenza. Huwa ghalhekk plawsibbli li l-imputat ma kellux suspett dwar l-awtenticita'

tal-prodotti li kien qed jixtri minn fuq dan is-sit elettroniku li setghu kienu kontrafatti.

Il-Qorti jidrilha li ma tirrizultax ir-rejita' la ghar-reat ta' qerq fil-kummerc u l-anqas ghar-reat ta' trademark infringement kontemplat fl-Artikolu 72 talKapitolu 446 kif issa gie sostitwit bil-Kapitolu 597 tal-Ligijiet ta' Malta.

## C. L-APPELL INTERPOST MILL-AVUKAT ĠENERALI

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza u talbet lil din il-Qorti sabiex:

Tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitx lill-appellat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu;
u Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn ma sabitx lill-appellat mhux hati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni migjuba kontra tieghu u minflok tghaddi biex issib htija u tinflingi piena skond il-ligi.

U dan wara li ppremetta s-segwenti:

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) illiberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih in bazi li skont l-Ewwel Onorabbli Qorti,l-appellant ma kellux suspett dwar in-nuqqas ta' awtenticita' tal-prodotti li kien qed jixtri minn fuq is-sit elettroniku, cjioe' ma kellux suspett li dawn setghu kienu oggetti falsifikati / kontraffatti.

Illi l-ghan ewlieni tal-Artikolu 298 hu li jipprotegi lill-konsumatur filwaqt illi min-naha l-ohra ghan ewlieni tal-artikolu 72 tal-Kapitolu 416 huwa dak li jipprotegi lill-propijetaiju tat-trademarks registrati minn atti mhux awtorizzati min-naha ta' terzi li jsiru ghal skopijiet ta' lukru.

Illi ai fini tal-Artikolu 298(l)(a)(c) u (f), elementi fundamentali li jridu ikun prezenti sabiex persuna tinstab hatja ta' qerq fil-kummerc taht dan l-Artikolu, hu li wiehed ikun ghamel dan l-att xientament. B'referenza ghal artikolu 72 tal-Kapitolu 416, ir-rekwiziti neccessarji sabiex jissussisti dan ir-reat huma li wiehed ikun propretarju ta' markju registrat u li persuna ohra b'intenzjoni li tiggwadanja ghaliha nnfisha jew ghal terzi jew altrimenti li tikkawza hsara, u minghajr il-kunsens tal-propjetaiju, taghmel wahda minn dawk l-attivitajiet deskritti a par. (a) sa (g) tal -istess u, b'mod partikolari f dan il-kaz, taghmel l-atti deskritti a par. (b) u (c) tal-istess disposizzjoni ta' ligi.

Illi preliminarjament, kampjuni ta' dawn l-oggetti kienu intbghatu l-Ingilterra sabiex jigu analizzati fejn (kif hawn aktar qabel indikat) kien gie kkonfermat minn Gemma Byng li dawn kienu fil-fatt oggetti falsifikati.

Illi eventwalment ukoll, dawn il-prodotti gew ukoll ikkonfermati li huma falsifikati / kontraffatti mill-ezami komperattiv li sar mill-Av. Martin Bajada fejn inghata dan l-inkarigu mill-Ewwel Qorti fis-seduta datata nhar it-28 ta' Marzu 2014, u l-espertipprezenta quddiem il-Qorti r-rapport imhejji minnu nhar is-7 t'Ottubru 2014. L-espert rega inghata inkarigu iehor mill-Qorti nhar il-11 ta' Gunju 2015 u ipprezenta rapport datat nhar 1-1 ta' Awwissu 2015.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet illi r-rapport maghmul minn Martin Bajada ghandu jigi injorat ghar-raguni illi m'hemm xejn fil-process li juri li l-kampjuni originali gew esebiti fl-atti u gew mehudha mill-istess atti ai fini tal-ezami komparattiv.

Illi l-esponent ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Qorti ghar-ragunijiet segwenti. Referenza issir ghal-verbal datat it-28 ta' Marzu 201412 fejn jinghad illi "F'dan l-istadju fuq talba tal-prosekuzzjoni il-Qorti tinnomina lil Av. Martin Bajada sabiex jezamina l-oggetti esebiti." L-avukat Martin Bajada, bhala espert inkarigat mill-Qorti kellu ir-responsabbilta' li jaghmel l-ezami komparattiv abbazi l-expertise tieghu sabiex jidditermina jekk il-prodotti humiex falsifikati / kontraffatti o meno. Fl-istess verbal, m'hemm xejn x'jindika x'metodologija ghandha tintuza sabiex jigi determinat jekk il-prodotti li xtara l-appellat humiex awtentici. Ghaldaqstant, Martin Bajada uza l-expertise tieghu sabiex wasal ghal-konkluzjoni illi il-prodotti m'humiex awtentici u kwindi r-rapport li juri il-konkluzzjonijiet ta' dan l-inkarigu m'ghandux jigi injorat.

Illi fil-kaz in dezamina, l-appellat, li hu persuna li jahdem fin-negozju permezz ta' numru tal -VAT li d-dettalji tieghu jinsabu evidenzjati fil-process, kien xtara pakketti ta' blades b'ftiqhom il-markji falsifikati / kontraffatti "GILLETTE", "FUSION", "GILLETTE MACH 3", "MACH3 Turbo", "MACH3", "MACH", "M3", "M3 POWER", "GILLETTE TURBO" u 'TURBO", minn fuq is-sit elettroniku "eBay", bi skop specifiku ta' bejgh u konsegwentament sabiex jaghmel qliegh minn dawn il-prodotti. Mill-provi migjuba, dawn il-prodotti gew mibjugha lil Robert Gatt, fejn mix-xhieda tal-istess persuna gie ikkonfermat illi dawn il-prodotti regghu gew mibjugha minn l-istess Gatt fi hwienet ohra.

Illi l-appellat dejjem baqa jsostni illi ma kellux ix-xjenza li dawn il-prodotti kienu fil-fatt falsifikati / kontraffatti. Huwa jghid illi dawn il-prodotti kien xtrahom minn fuq is-sit elettroniku "eBay" minghand persuna jisimha Clare fejn meta mistoqsi x'ricerka kien ghamel sabiex jikkonferma jekk il-prodotti humiex originali o meno, hu sostna illi l-verifiki ghamilhom billi ccekja l-feedback tax-xerrejja li kienu xtraw qabel minghand din l-istess Clare u li x'hin qabbel dawn il-prodotti qal li skont kif ghamel l-analizi tieghu, kienu 99% identici.

Illi jider bic-car illi l-appellat, bhala persuna li jahdem fin-negozju, m'ghamilx ir-ricerka u l-analizi mehtiega sabiex jikkonferma u jaccerta ruhu illi il-prodotti li hu kien xtara kienux originali o meno. Mix-xhieda tal-appellat johrog bic-car illi ma sar l-ebda tip ta' accertazzjoni dwar l-awtenticita' o

meno tal-prodotti in kwistjoni, anzi, johrog car li kien biss wara li xtara dawn il-prodotti u wara li gie mitkellem mil-Pulizija, illi beda jiccekja rigward l-awtenticita' tal-prodotti mal-persuna li hu jirreferi ghaliha bhala Clare.

Illi referenza issir ghal-imejls illi ntbghatu mill-appellat lil Clare Francis fejn jidher car illi l-appellat kien jinteresah biss mill-aspett perkunarju. Naturalment, il-prodotti ingabru mill-hanut tal-appellat fejn ma setghax jaghmel profitt minnhom, hekk kif kien pjanat, ghaldaqstant, rega' talab lil Clare Francis il-flus lura.

Illil-esponent jaghmel referenza ukoll ghal-Artikolu 302 tal-Kapitolu 9 fejn jipprovdi illif kazijiet imsemmijin fl-artikolu 298(l)(f), jitqies illi l-akkuzat mexa dolozament kemm il-darba ma jippruvax illi wara li ha il-prekawzjonijiet kollha mehtiega, hu ma kellux, fiz-zmien li ghamel id-delitt li fuqu hu akkuzat, ragun jahseb illi l-marka jew sinjal ma kienux veri u li l-akkuzat ta' l-informazzjoni kollha mehtiega li giet rikjesta lilu mill-Pulizija u li mill-bqija mexa bla hazen. Skond l-artikolu 299 tal-Kap 9 jitqies li l-akkuzat mexa dolozament kemm-il darba huwa ma jippruvax li ma kellux hsieb doluz.

Illi referenza issir ghal-Artikolu 72(3) tal-Kapitolu 41616 fejn persuna li tigi akkuzata tista' tghid b'difiza li kienet tahseb fuq bazi ragonevoli li l-uzu tas-sinjal bil-mod kif dan intuza, jew kellu jintuza, ma kienx ksur tat-trademark registrata. Ghaldaqstant, l-oneru tal-prova jmur fuq l-akkuzat. Huwa l-imputat li jrid juri li ma mexiex dolozament.

Illi fil-kaz odjem, hekk kif diga' spjegat aktar il-fuq, mill-provi ma jirrizultax illi l-imputat appellat ha l-prekawzjonijiet mehtiega skont il-ligi in materja. Huwa veru li fix-xhieda tieghu l-imputat appellat qal li ma kienx jaf li l-oggetti huma falsifikati / kontraffatti. Mill-banda l-ohra mill-istess xhieda ma jirrizultax listaqsa dwar il-provenjenza ta' dawn l-oggetti jew li ghamel xi verifiki ndipendenti min-naha tieghu.

Ghaldaqstant, jidher ben car illi l-appellant ma hax il-prekawzzjonijiet kollha mehtiega sabiex jassigura ruhu illi l-oggetti illi hu kien qed jixtri minn fuq is-sit elettroniku "eBay" kienux fll-fatt originali, izda semplicement qal li strah fuq ir-reviews tax-xerreja li precedentement kienu xtraw mighand il-bejjiegh.

Illi l-Ewwel Qorti fid-decide taghha sostniet illi d-differenza bejn il-prodotti l-originali u dawk falsifikati / kontraffatti m'humiex daqshekk evidenti u ovvji u wiebed jinduna bihom biss meta jezamina z-zewg prodotti hdejn xulxin fid-dettall u li persuna nonnali ma kienitx ser tinduna dwar din id-differenza. Il-fattur profond f dan il-kaz hu l-ghan tal-prodotti in kwistjoni, fejn huma intizi sabiex jigu uzati fuq il-gilda ta' persuna. Ghalkemm bbala dehra ma kienx hemm differenza kbira bejn il-prodott originali u dak falsifikat / kontraffatt, setghu ikunu ta' detriment ghall-konsumatur li kien qed jixtrihom. Kwindi, meta wiehed jiehu in konsiderando l-uzu tal-oggett in kwistjoni, aktar u aktar l-appellat kellu jaghmel il-verifiki kollha mehtiega sabiex jigi assigurat illi 1-prodotti kienu originali. Ghaldaqstant, l-appellat mhux biss mexa a detriment tal-propjetarju izda l-azzjonijiet tieghu kienu ukoll a detriment tal-konsumatur.

Illi, ghaldaqstant, mir-rizultanzi processwali u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jemmen illi l-esponent ma kellux jigi illiberat.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta'

permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħati, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-

---

Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali

[6] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

22. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>
> 22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
> 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

26. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda

tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

27. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## F. IL-PARTI SPEĊJALI – ANALIŻI TAL-APPELL INTERPOST

29. L-appell tal-Avukat Ġenerali jistrieħ fuq l-argument li mill-provi prodotti jirriżulta soddisfaċentement ippruvat li l-appellat kellu l-għarfien jew almenu s-suspett li l-prodotti li kienu jġorru l-marka "Gilette" spaċċati minnu f'dan il-każ ma kienux prodotti ġenwini.

30. Għandha raġun l-Avukat Ġenerali tgħid li għan prinċipali wara l-artikolu 298 tal-Kodiċi Kriminali huwa l-protezzjoni tal-konsumatur filwaqt li dak li kien l-artikolu 72 tal-Kap 416 tal-Liġijiet ta' Malta, illum l-artikolu 108 tal-Kapitolu 597 tal-Liġijiet ta' Malta huwa l-protezzjoni tal-proprjetarju tal-marki reġistrati kontra sfruttament tagħhom minn terzi a skop ta' lukru mingħajr il-kunsens tiegħu.

31. F'dan il-każ ma jirriżultax kontestat li l-prodotti imsemmija li kienu misjuba għand l-appellat ma kienux prodotti ġenwini tal-marka "Gilette". Il-kontroversja prinċipali bejn il-partijiet hija l-għarfien tal-appellat li huwa kien xtara u qiegħed fis-suq, għal qliegħ, prodotti markati "Gilette" meta dawn ma kienux prodotti ġenwini ta' dik il-marka.

32. Il-Prosekuzzjoni tistrieħ kemm fuq ix-xiehda prodotta mill-esteru kif ukoll ir-relazzjoni peritali ta' Dr. Martin Bajada li jaqblu li l-prodotti de quo sekwestrati mingħand l-appellat ma kienux prodotti ġenwini tal-marka "Gilette" u dan wara li saret analiżi komparattiva tal-prodotti li kien qiegħed jispaċċa l-appellat u prodotti ġenwini tal-marka "Gilette".

33. Dwar dan il-punt dil-Qorti rat li mix-xiehda ta' Shelley Suzanna Duggan, impjegata fil-Legal Department ta' Proctor and Gamble London Innovation Centre, affiljata ma' Proctor and Gamble Group of Companies ta' Boston, Massachusettes, USA, jirriżulta li din għamlet analiżi ta' pakkett ta' erba' Gilette Mach3 Turbo Razor cartidges u pakkett ta' erba Gilette M3 Power razor cartridges mibgħuta lilha mill-Avukat Luigi A Sansone wara li adetta mal-Uffiċju Legali ta' dan kienet xtrathom mill-ħanut X-Zone fis-Swatar, Malta li kien imexxih l-appellat. Duggan qablet dawn il-prodotti ma prodotti ġenwini tad-ditta li taħdem magħha u tikkonkludi li l-prodotti mibgħuta lilha minn Malta ma kienux manifatturati mill-The Gilette Company jew xi kumpanija oħra tal-Proctor and Gamble Group. Dan allura jfisser li kienu prodotti falsament attribwiti lil Gilette.

34. Hija tgħid li l-ippakkettar tal-prodott ġenwin kellu “matt finish” mentri dak mibgħut lilha minn Malta kien “high gloss packaging”. Tgħid ukoll li l-*injection molding point* fuq in naħa ta’ quddiem tar-*razor cartridge dispensers* mibgħuta lilha minn Malta kienu wkoll differenti meta mqabbla mal-prodotti ġenwini ta’ Gilette. Iżżid ukoll li l-clips fuq in-naħa ta’ wara tar-*razor cartridge dispensers* mibgħuta lilha minn Malta kienu “messily and untidly applied, which is not in accordance with Gilette’s standards”.

35. L-eżerċizzju magħmul minnha għalhekk kien wieħed ta’ sempliċi tqabbil bejn prodott u prodott ieħor f’dak li għandu x’jaqsam mad-dehra tal-ippakkettjar kif ukoll mad-dehra ta’ dan il-prodott fir-rigward ta’ partijiet partikolari minnu. Fil-verita għalhekk dan l-eżerċizzju ma kien xejn ħlief konstatazzjoni ta’ fatt li ma jridx xi ħila jew sengħa speċjali. Għal dan l-eżerċizzju magħmula minn din ix-xhud, kien biżżejjed li wieħed ikollu ċar liema jkun il-prodott ġenwin u x’karatteristiċi viżivi jkollu u jqabbilhom ma dak il-prodott li jkun allegatament falz. Ix-xiehda tagħha dwar materja ta’ fatt allura tista’ tittieħed bħala parti mill-assjem tal-provi.

36. Eżerċizzju simili ta’ tqabbil ta’ prodott ma ieħor kien ukoll dak li kkonduċa Dr. Martin Bajada fuq inkarigu speċifiku tal-Qorti bħala Konsulent Tekniku Uffiċjali u l-konklużjonijiet tiegħu huma wkoll simili. Dr. Bajada jgħid li huwa għamel din l-analiżi bejn prodotti li rtira mill-proċess u prodotti impakkettati li ingħata mingħand ir-rappreżentanti f’Malta ta’ Proctor and Gamble wara talba appożita li huwa għamel lil Maġistrat li kien tah in-nomina. Huwa minnu li din il-parti tal-awtorizzazzjoni ma ġietx verbalizzata fl-atti daqskemm huwa minnu wkoll li fl-atti ma ġewx eżebiti l-prodotti li magħhom saret l-analiżi komparativa bħala dawk li kienu l-prodotti oriġinali tad-ditta Gilette. Dr. Bajada jinsisti li huwa kien awtorizzat mill-Qorti li jipprokura prodott oriġinali mingħand is-sidien tal-marka Gilette. Dan jikkonfermah bil-ġurament tiegħu magħqud mal-fatt li spjegat bla tlaqlieq il-konsegwenzi f’każ li huwa kien aġixxa mingħajr tali inkarigu.

37. Fi kwalunkwe każ, anke jekk, għall-grazzja tal-argument, din il-Qorti kellha twarrab ir-relazzjoni ta’ Dr. Martin Bajada, ma jfissirx li f’dak li għandu x’jaqsam ma apprezzament ta’ fatt ma tistax tikkunsidra wkoll dak li xehdet Duggan.

38. Dan kollu qiegħed jingħad għaliex l-iskartar tar-relazzjoni ta' Dr. Bajada inċida fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Il-fatt li hija warbet ir-relazzjoni teknika, ma jfissirx li ma kienx hemm elementi ta' prova oħra li minnhom ma setgħetx tasal għall-konklużjoni dwar jekk u safejn l-appellat kien konxju li l-prodotti spaċċati minnu ma kienux ġenwini. Wara kollox ma jirriżultax kontestat li l-prodotti kienu foloz. Il-kwisjoni hija jekk meta xtrahom u spaċċhom l-appellat kienx konxju ta' dan il-fatt.

39. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) minbarra li skartat l-imsemmija relazzjoni tikkonkludi wkoll li kellha tiskarta l-istqarrija tal-appellat in kwantu ttieħdet mingħajr ma l-istess kien assistit minn avukat u b'hekk imxiet fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati fejn qiesu li jiskartaw tali stqarrijiet. Anke jekk din il-Qorti - biss għall-grazzja tal-argument - kellha taċċetta din il-posizzjoni, xorta waħda tqis li mid-deposizzjoni tal-appellat, magħquda ma' provi oħra kontenuti fil-proċess, din il-Qorti ssib li l-Avukat Ġenerali għandha raġun tikkontendi li l-Prosekuzzjoni kien irnexxielha tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li l-appellat kien jaf li l-prodott spaċċat minnu ma kienx ġenwin – u dan fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-Liġi regolanti dawn ir-reati li bihom jinsab mixli u l-preżunzjonijiet li toħloq.

40. Qabel xejn l-appellat huwa kien persuna fil-kummerċ. Huwa persuna li kienet tixtri dawn il-prodotti kemm mingħand l-aġent awtorizzat kif ukoll li għażel li jfittex li jixtri dan il-prodott minn sorsi oħra. Huwa kien jagħmel dan bħala persuna fin-negozju u allura bi skop ta' qliegħ ta' flus ġenerati mill-bejgħ ta' dawn il-prodotti dirett lejn il-konsumatur jew bl-ingrossa. Bħala persuna f'dan it-tip ta' negozju – mhux sempliċi konsumatur kwalunkwe - huwa għandu dmir akbar li jagħmel il-verifiki raġonevolment meħtieġa li meta jiġi biex jixtri prodotti minn sorsi mhux uffiċjali jara li l-prodott li jkun sejjer jixtri huwa wieħed ġenwin u mhux prodott li jkun falz.

41. Fil-każ ta' persuna li tixtri u timporta dawn il-prodotti f'Malta bi skop ta' qliegħ ta' flus, dan huwa obbligu iżjed attiv u żgur mhux passiv. Persuna fil-kummerċ tal-importazzjoni ta' prodotti suġġetti għal *trademarks* – u li tbiegħ dawk il-prodotti bħala prodotti ta' dik il-marka partikolari grazzi għall-fama u isem li dik il-marka jkollha fis-suq – għandha dmir li tagħmel il-verifiki raġonevoli dwar il-provenjenza leċita u ġenwina ta' dawk l-istess prodotti ta' dik il-marka. B'mod partikolari minħabba li hija tkun

sejra tispaċċa dawk il-prodotti fis-suq bi profitt u għall-konsum tal-pubbliku, hija ma tistax titratta dan id-dmir tagħha ta' verifika tal-ġenwinita' tal-prodott markat b'mod leġġer jew li tagħlaq għajn waħda jew tnejn u tiġi taqa' w tqum jekk il-prodott hux ġenwin jew falz, basta tagħmel lira tajba minn fuqu billi tixtrieh bi prezz inqas u tbiegħu bil-prezz tas-suq.

42. Jirriżulta pruvat li verament l-appellat kien ikkorrisponda ma persuna li allegatament kienet tinnegozja fir-Renju Unit. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li din kienet xi garanzija ta' awtentiċita tal-prodott jew xi serħan il-moħħ partikolari dwar dan. Fil-fatt mid-deposizzjoni tiegħu jirriżulta li l-eżerċizzju li għamel ta' verifika tal-ġenwinita tal-prodott li huwa kien sejjer jixtri kien billi mar fuq is-sit "eBay UK", daħal fuq il-parti li għandha x'taqsam ma xfafar tal-leħja, sab venditur reġistrat ma' dak is-sit u nnota kemm kellha kummenti jew reviews tajbin – 4.7 minn 5. Jgħid li fuq is-sit tagħha kienet tgħid li dawn kienu "genuine Gilette blades u ovvjament kien hemm il-marka ta' x'hiex, tal-Mac3, kien hemm sensor". U għalih dak kien biżżejjed. Pero anke minħabba t-trapass taż-żmien ma kienx f'qagħda jġib prova miktuba ta' dan.

43. Bid-dovut rispett, dan l-eżerċizzju tal-appellat kien eżerċizzju wisq superfiċjali u żgur insuffiċjenti dato r-responsabbilita li huwa, bħala importatur ta' prodotti għall-bejgħ fis-suq lokali kellu. Kif tgħid l-Avukat Ġenerali kien mistenni iżjed minnu bħala persuna reġistrat għall-kummerċ, b'numru tat-taxxa fuq il-valur miżjud, bħala importatur ta' prodotti markati u bħala bejjiegħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-istess prodotti.

44. Wara kollox il-parti determinanti fix-xiehda tiegħu hija meta in kontroeżami jikkonferma li huwa ġieli kien xtara dawn il-*blades* mingħand l-aġent f'Malta. Dan allura jindika li huwa kien jaf kif kienu jidhru l-prodotti oriġinali kif ukoll il-kwalita tagħhom. Huwa setgħa faċilment iqabbilhom mal-konsenja li huwa kien xtara. Wara kollox is-suspett li huwa setgħa kellu dwar dawk il-prodotti huwa muri wkoll bil-fatt li l-ewwel kien xtara ftit prodotti biex ikun jista' jieħu idea. Din turi ċerta prudenza fuq naħa, u diffidenza fuq in-naħa l-oħra. Li kieku kien konvint li dawk il-prodotti kienu verament ġenwini, u li dak is-sit kien verament affidabbli, ma kienx ikollu għalfejn jagħmel din il-"prova". Anzi meta huwa stess qabbel dawn il-prodotti ma jgħidx li kienu identiċi, iżda jgħid li kienu "letteralment 99% identiċi". Għalkemm żgħira, xi differenza kien

hemm u huwa stess innotaha. Din id-differenza ma hemmx għalfejn tkun waħda evidentissima.

45. L-appellat setgħa jara wkoll li kien hemm differenza sensibbli fil-prezz bejn dak li kien ibiegħhom l-aġent għal dak il-prezz li kien sejjer jixtri bih mingħand dan is-sit amministrat minn ċerta Clare Frances. Id-differenza fil-prezz ukoll hija indikazzjoni oħra dwar jekk u safejn prodott ikunx ġenwin jew fażull.

46. Apparti minn hekk l-appellat ma kienx f'qagħda li jipproduċi xi forma ta' *invoice* jew dokumenti li juru l-provenjenza leċita tal-prodotti li huwa kien xtara mingħand din Clare Frances. Huwa minnu li huwa jipprotesta magħha bl-emails. Iżda dan seħħ **wara** li huwa ġie interrogat mill-Pulizija. Fi kwalunkwe każ, id-dokumentazzjoni dwar l-oriġini leċita tal-prodotti li huwa importa kellu jottjeniha qabel ma huwa għażel li jidħol għal dan in-negozju. Igħid li huwa kien talab din l-informazzjoni lil Clare Frances iżda din qatt ma bagħtithielu. U dan huwa verosimili għax jekk Clare Frances biegħetlu prodotti foloz ma setgħet kienet qatt f'qagħda li tagħtih dokumenti li juru li dawn il-prodotti kienu mixtrija bis-sewwa u ta' provenjenza ġenwina. Fi ftit kliem huwa kellu jiċċekkja li l-prodotti kienu ġenwini qabel ma għamel in-negozju u mhux wara. Wara kien tard wisq. U biex tgħaxxaqha, huwa ma xtarax darba waħda mingħand din Clare Frances, iżda xtara iżjed minn darba; kif ukoll biegħ fil-ħanut tiegħu u qassam dawn il-prodotti lil vendituri oħra.

47. Imma kif targumenta l-Avukat Ġenerali, dak li wassal lill-appellat biex jagħlaq għajnejh u jixtri dawn il-prodotti mingħand din Clare Frances kien il-fatt li kien sejjer jixtrihom bi prezz tajjeb, u li kien orħos minn dak li kien jixtrih bih mingħand l-aġent. Wara kollox, kif igħid fix-xiehda tiegħu, "kull negozju tipprova taghmel ghall-ahjar tan-negozju biex tipprova taqla' lira zejda. Tipprova ggib tal-ispejjez li jkollok". Dwar dan għandu raġun għax fin-negozju trid tipprova tagħmel l-aħjar li tista' u tipprova taqla' lira żejda. Iżda dan ma tistax tagħmlu a skapitu tal-konsumatur jew bi ħsara ta' sid ta' marka reġistrata.

48. L-Avukat Ġenerali għandha raġun targumenta li kwantu għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, u senjatament għall-artikolu 298(1)(a)(b)(c)(d) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 299 tal-imsemmi Kodiċi joħloq preżunzjoni li l-akkużat ikun mexa dolożament, sakemm ma jippruvax li ma kellux dak il-ħsieb doluż. Huwa minnu wkoll li għal dak li jirrigwarda l-artikolu 298(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali

bis-saħħa tal-artikolu 302 tal-istess Kodiċi, persuna akkużata titqies li mxiet dolożament kemm il-darba ma tippruvax li wara tkun ħadet il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa, hija ma kellhiex, fiż-żmien li għamlet id-delitt li fuqha tkun mixlija, raġun taħseb illi l-marka jew sinjal ma kienux veri u li hija tkun tat l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Pulizija, u li mill-bqija tkun imxiet mingħajr ħażen. Tgħid ukoll li b'riferenza għall-artikolu 72(3) tal-Kap 416 dan jipprovdi li:

> (3) Persuna li tiġi akkużata b'reat kontra dan l-artikolu tista'tgħid b'difiża li kienet taħseb fuq bażi raġonevoli li l-użu tas-sinjalbil-mod kif dan intuża, jew kellu jintuża, ma kienx ksur tat-trademark reġistrata.

49. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bil-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-appellat ma kellux ix-xjenza meħtieġa skont il-Liġi ukoll meta jitqies il-fatt li huwa naqas milli juri li huwa għamel il-verifiki bażiċi meħtieġa dwar il-ġenwinita u l-awtentiċita tal-prodotti li huwa kien sejjer jixtri għall-kummerċ tiegħu qabel ma huwa intraprenda dak l-istess kummerċ. Żgur li dak li jgħid li għamel ma jistax jitqies li kien jissodisfa dan it-test tal-"prekawzjonijiet kollha meħtieġa" għax il-prekawzjonijiet li setgħa ħa kienu bażiċi anke għal sempliċi konsumatur li jmur javventura ruħu fuq l-internet, aħseb u ara għal importatur ta' prodotti intiżi biex jiġu mibjugħa lil konsumatur lokali.

50. Konsegwentement, għar-raġunijiet premessi, dil-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni kien irnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li matul is-snin 2009 u 2010 f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, l-appellat:

A.

a. xjentement, għamel użu minn ismijiet, marki jew sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ jew tal-prodott ta' industrija li kienu iffalsifikati jew imbiddlin ukoll jew minn haddiehor, minghajr ilkunsens tas-sid; jew
b. għamel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew
c. xjentement qiegħed fiċ-cirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbħin b'qerq;

kif ukoll li

B.

bil-għan li jieħu vantaġġ għalih innifsu jew għal persuna oħra, jew bil-ħsieb li jikkaġuna telf lil xi persuna oħra, u mingħajr il-kunsens tal-propjetarju:

i. biegħ jew offra jew espona għall-bejgh jew qassam oġġetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar tagħhom kellu fuqu sinjal identiku għal, jew li x'aktarx jitħawwad ma' trademark reġistrata; u
ii. kellu fil-pussess, kustodja jew kontroll tiegħu fil-kors ta' xi negozju xi oġġetti bħal dawk bil-għan li hu jew persuna oħra ibiegħ jew joffri jew jesponi għall-bejgh jew iqassam oġġetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar tagħhom kellu fuqu sinjal identiku għal, jew li x'aktarx jitħawwad ma' trademark reġistrata.

51. F'dan is-sens allura l-appell tal-Avukat Ġenerali jimmerita li jiġi milqugħ.

# Deċide

**Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u tiddeċiedi billi tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni filwaqt li tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux ħati tal-ewwel, it-tielet, u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u minflok, għar-raġunijiet premessi, (wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 298(1)(a)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikoli 72(1)(b)(ċ) tal-Kapitolu 416 tal-Liġijiet ta' Malta (illum l-artikolu 108(1)(b)(ċ) tal-Kapitolu 597 tal-Liġijiet ta' Malta)) issib lill-appellat ħati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.**

**Illi kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta, din il-Qorti qieset il-fattispecie u ċ-ċirkostanzi tal-każ, il-kwantita tal-prodotti misjuba u l-valur tagħhom, il-fatt li dan il-proċess ilu pendenti sa mill-2011, kif ukoll l-element ta' koperazzjoni li l-appellat wera mal-Pulizja. F'dan is-sens allura hija tal-fehma li fil-qies ta' dawn iċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena biex b'hekk qegħda tagħmel ordni li biha**

**tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li l-ħati ma jagħmel ebda reat matul il-perjodu ta' tliet snin mid-data ta' din l-ordni.**

**Inoltre, tordna l-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti f'dan il-każ.**

**Apparti minn hekk wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada.**

**Ft/Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**